

## Il-Punti ewlenin

- Fl-2025, id-dħul sħiħ mit-taxxi tela' b'€698.9 miljun fuq l-2024 u kien ta' €7,471.6 miljun. It-taxxi diretti u indiretti żdiedu b'€299.6 miljun u bi €310.7 miljuni, rispettivament, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet soċjali (il-Bolla) telgħu bi €88.7 miljun.
- It-Taxxa tad-Dħul Individwali kienet ta' €1,920.3 miljun fl-2025, filwaqt li t-Taxxa fuq il-Profitti tal-Korporazzjonijiet kienet ta' €1,635.8 miljun.
- Il-piż tat-taxxi f'Malta kien ta' 30.3 fil-mija tal-PDG, żieda ta' 0.9 punti perċentwali mid-29.3 fil-mija tal-2024.
- Il-qasam tal-Unitajiet domestiċi kkontribwixxa 54.0 fil-mija tat-Taxxa tad-Dħul tal-Gvern Ġenerali, li tiġi b'kollox €1,925.7 miljun, mentri l-Korporazzjonijiet mhux Finanzjarji u l-Korporazzjonijiet Finanzjarji kkontribwew 24.1 fil-mija u 21.7 fil-mija, rispettivament.
- Fl-2025, it-taxxi tal-ambjent ta' Malta telgħu bi 3.7 miljuni biex laħqu t-€320.1 miljun, bit-taxxi fuq l-enerġija jgħoddu mal-€164.1 miljun mill-għadd kollu.

---

## Il-Kummentarju

*Fl-2025, id-dħul sħiħ mit-taxxi kien ta' €7,471.6 miljun, li juri piż tat-taxxi daqs 30.3 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.*

Id-dħul mit-taxxi żdied b'€698.9 miljun fuq is-sena ta' qabel biex laħaq b'kollox €7,471.6 miljun. Din iċ-ċifra tirrappreżenta 86.4 fil-mija tad-dħul kollu tal-gvern ġenerali miġbur fl-2025.

Il-kategoriji ewlenin kollha tad-dħul mit-taxxi rreġistraw tkabbir, bit-taxxi diretti jibqgħu l-akbar komponent, segwiti minn taxxi indiretti u l-kontribuzzjonijiet soċjali (il-Bolla).

It-taxxi diretti ammontaw għal €3,757.0 miljun, li jagħmlu 50.3 fil-mija tad-dħul kollu mit-taxxi. Dan wera żieda ta' €299.6 miljun meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Il-komponent primarju f'din il-kategorija tibqa' t-Taxxa fuq id-Dħul Individwali, li żdiedet b'€149.2 miljun u laħqet l-€1,920.3 miljun, filwaqt li t-Taxxa fuq il-Profitti tal-Kumpaniji żdiedet b'€211.5-il miljun u laħqet l-€1,635.8 miljun.

It-taxxi indiretti, li ammontaw għal €2,453.4 miljun, kellhom żieda ta' €310.7 miljuni meta mqabblin mal-2024. Dan huwa daqs 32.8 fil-mija tad-dħul kollu mit-taxxa. F'din il-kategorija, it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kienet ta' €1,635.8 miljun, li b'hekk uriet żieda ta' €234.6 miljun fuq is-sena ta' qabel. Barra minn hekk, it-Taxxi fuq il-Prodotti ammontaw għal €662.9 miljun, li b'hekk urew żieda ta' €64.8 miljun meta mqabblin mal-2024. Din iż-żieda kienet ġejja l-aktar minn dħul akbar mid-dazju fuq id-dokumenti u s-sisa fuq iż-żejt mhux raffinat[1]. Taxxi oħra fuq il-produzzjoni laħqu l-€118.7-il miljun fl-2025.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali[2] (il-Bolla), li jinkludu ħlasijiet magħmulin minn min iħaddem, mill-ħaddiema, minn dawk li jaħdmu għal rashom u persuni mhux impjegati, kif ukoll kontribuzzjonijiet soċjali imputati, ammontaw għal 16.9 fil-mija tad-dħul kollu mit-taxxa fl-2025, u ammontaw għal €1,261.2 miljun. Dan wera żieda ta' €88.7 miljun meta mqabbel mas-sena ta' qabel (Tabella nru 1).

Il-piż sħiħ tat-taxxi huma t-taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali (il-Bolla) kollha murijin bħala persentaġġ tal-Prodott Domestiku Gross (PDG). Fl-2025, il-piż sħiħ tat-taxxi ta' Malta kien ta' 30.3 fil-mija, żieda ta' 0.9 punti perċentwali fuq id-29.3 fil-mija li kien irrappurtat fl-2024. Iċ-ċifri juru piż medju tat-taxxi ta' madwar 30.3 fil-mija għall-perjodu bejn l-1995 u l-2025. Dan juri li l-ġbir tat-taxxi kien relattivament konsistenti matul dawn is-snin, b'varjazzjonijiet madwar din il-medja, inklużi valuri li jvarjaw minn livell baxx ta' 25.5 fil-mija sa 34.0 fil-mija (Tabella nru 2, Ċart nru 1).

Sal-aħħar tal-2025, it-taxxi diretti, li jinkludu wkoll it-Taxxi Kapitali, kienu jagħmlu 15.2 fil-mija tal-PDG, żieda ta' 0.3 punti perċentwali meta mqabblin mal-2024. It-taxxi indiretti rrappreżentaw 9.9 fil-mija tal-PDG, filwaqt li sehem il-kontribuzzjonijiet soċjali (il-Bolla) kien ta' 5.1 fil-mija tal-PDG (Tabella nru 2, Ċart nru 2).

**Ċart nru 1. Il-piż sħiħ tat-taxxi, bis-sena**




**Ċart nru 2. L-evoluzzjoni tal-komponenti ewlenin tat-taxxi f'Malta**




**It-Taxxa fuq id-Dħul bil-qasam istituzzjonali tal-ESA 2010**

Fl-2025, il-qasam tal-Unitajiet domestiċi (Households) ikkontribwixxa aktar minn nofs it-Taxxa fuq id-Dħul miġbura mill-Gvern Ġenerali, li ammontat għal 54.0 fil-mija tat-total, li huwa daqs €1,925.7 miljun. Il-kontribuzzjonijiet mill-Korporazzjonijiet Mhux Finanzjarji u mill-Korporazzjonijiet Finanzjarji ammontaw għal 24.1 fil-mija u 21.7 fil-mija, rispettivament. L-oqsma tal-Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-Unitajiet domestiċi, il-Gvern Ġenerali, u l-Bqija tad-dinja, flimkien ammontaw għad-differenza ta' 0.3 fil-mija.

In absolute terms, income tax receipts increased by €362.0 million over 2024, primarily driven by higher receipts from Households (€150.2 million) and Non-Financial Corporations (€135.6 million). Income tax paid by Financial Corporations increased by €78.9 million over the year (Table 4).

**It-Taxxi tal-Ambjent**

Fl-2025, id-dħul kollu mit-taxxi ambjentali tela' bi 3.7 miljuni biex laħaq it-€320.1 miljun. Din iċ-ċifra tirrappreżenta 4.3 fil-mija tad-dħul kollu miġbur mit-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali (il-Bolla), kif ukoll 1.3 fil-mija tal-PDG. It-taxxi fuq l-enerġija, li jinkludu t-taxxi fuq il-fjuwils tat-trasport, kienu jagħmlu l-akbar sehem mit-taxxi ambjentali, li żdiedu b'€4.0 miljuni, l-aktar minħabba dħul akbar mill-permessi ta' skemi ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet (€4.7 miljuni). Din iż-żieda kienet parzjalment ikkumpensata minn tnaqqis marġinali ta' 0.7 ta' miljun fid-dħul mit-Taxxi fuq it-Tniġġis (Tabella nru 5).

---

[1] Aktar tagħrif jinstab fil-Lista Nazzjonali tat-Taxxa ta' Malta (Tabella nru 6).

[2] Ara nota nru 4 fil-metodoloġija.


€

Il-Finanzi Pubbliċi

**Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra**

Il-Bilanċ Fiskali u d-Dejn tal-Gvern Ġenerali taħt it-Trattat ta' Maastricht: It-Tieni Rappurtar għall-2026

Il-Kontijiet ta' Kull Tliet Xhur tal-Gvern Ġenerali: K2/2026

Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Awwissu 2026

Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Lulju 2026

Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Ġunju 2026

**Temi Oħra Relatati**

Il-Ħarsien Soċjali

Il-Kontijiet Nazzjonali



**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

publicfinance.nso@gov.mt



**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula